# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 11 ta' Lulju, 2022

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 10/2020 ISB**

**Atlantica Gamma Limited (C55939)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment li permezz tiegħu l-kumpannija Atlantica Gamma Limited (C55939) kienet dikjarata xjolta minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Novembru 2020, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha bil-kundizzjonijiet hemmek stipulati.

Rat l-atti kollha tal-proċediment ta` stralċ, inkluzi l-verbali tal-udjenzi kollha li saru, l-informazzjoni mgħoddija minn żmien għal żmien mir-ricevitur uffiċjali kif evidenzjat mill-verbali tas-seduti miżmuma u kif ukoll mir-rapporti preliminari minnu mħejjija u ppreżentati;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti moghti fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2021 li permezz tieghu l-istralcarju gie awtorizzat illi jikkompleta l-inkarigu tieghu ad eskluzjoni ta'

somma zghira ta’ flus ($380.56) depositati f’kont f’Texas, l-America, li minkejja t-tentattivi tieghu illi jirkurpra, il-flejjes baqghu ma ntbghatux u ghalhekk bl-applikabilita’ tal-Artikolu 244 tal-KAP 386, l-istralcarju kien ezentat milli jibqa’ jsus wara tali fellej a skapitu tad-determinazzjoni ta' dan l-istralc.

Rat in-nota tar-Ricevitur Ufficjali tat-22 ta’ Settembru 2021 u l-ahhar lista’ ta’ kredituri aggornata u kompilata mill-istralcarju.

Rat l-aħħar rapport mħejji u pprezentat mir-Ricevitur Ufficjali fid-9 ta’ Mejju 2022, minn fejn jirriżulta illi l-attiv tal-kumpannija xjolta kif irnexxielu jiġbor u jirkupra l-istess riċevitur uffiċjali jammonta biss għal total ta’ ħamsin Ewro (€50) li huma rifuzjoni tal-VAT u li ghad iridu jingabbru, mentri apparti l-hlas dovut lill-ufficcju tieghu, hemm ukoll dejn kif elenkat f’rapporti precedent.

Rat illi l-istess stralċarju talab, anke jekk in vista tad-digriet mogħti aktar kmieni llum stess waqt din l-udjenza, fir-rigward tar-remunerazzjoni dovuta lill-istess riċevitur uffiċjali, u peress illi jirriżulta illi lanqas biex jitħallas hu ma hemm biżżejjed, li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralcjati u huwa jinheles mill-inkarigu tieghu filwaqt illi l-Qorti tordna t-thassir tal-isem tal-kumpannija.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osserva l-ħtigijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta`Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċarju sabiex jaqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tiegħu skont il-ligi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x’isir u b’hekk jista’ jingħata l-provvediment finali.

Tqis li l-affarijiet tal-kumpannija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-ragunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtigijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi biex:

1. **TILQA`** t-talba tar-Ricevitur Ufficjali u **tapprova** d-dikjarazzjoni minnhu maghmula fin-nota tar-Riċevitur Ufficjali tat-22 ta’ Settembru 2021 u dik tad-9 ta’ Mejju 2022.

2. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

3. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpanniji avviz tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

4. **Tordna** li l-isem tal-kumpannija Atlantica Gamma Limited (C55939) jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji b`effett mil-lum.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat’ ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji l-ordni ta` tħassir tal-kumpannija Atlantica Gamma Limited (C55939).

6. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iħares dik l-ordni.

7. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju kif deciz illum stess bi provvediment separat, għandhom jitħallsu mill-kumpanija **Atlantica (Malta) Holding Ltd (C55269)** u mill-kumpannija **Atlantica Tender Drilling Ltd (Bermuda Co. Reg No. 42327)** *in solidum* bejniethom, u dana kif gja deciz minn din il-Qorti bill-provvediment taghha tat-30 ta' Novembru 2020. .

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Marisa Bugeja** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |